MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 675/2005

**Atlas Insurance Limited C5601 kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Francesco Frendo u l-istess Francesco Frendo I.D. 287831(M) f'ismu proprju**

**Vs**

**Emanuel Mallia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett mija w erbgha u sittin lira Maltin (Lm364) rapprezentanti danni sofferti fuq il-vettura ta' l-attur bin-numru ta' registrazzjoni GAM 552 assigurata mas-socjeta' attrici b'rizultat ta' habta li grat fis-7 ta' Mejju, 2004 go Hal Qormi meta l-konvenut kien qed

isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni DAF 507 u habtet mal-vettura ta’ Frendo.
Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi l-incident tat-traffiku gara unikament htija ta’ l-attur Francesco Frendo u ghalhekk m’hemm xejn x’jigi llikwidat bhala danni u fi kwalunkwe kaz l-atturi ghandhom igibu prova tad-danni skond il-ligi.

Sema’ x-xhieda ta’ Warden 31 Stephen Cassar, Francesco Frendo, Lilian Frendo, Emanuel Mallia u ta’ Mario Borg.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ l-Avukat Renato Cefai ghall-atturi u ta’ l-Avukat Joseph Zammit McKeon ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi Francesco Frendo li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni GAM 552 xehed li huwa kien qed isuq f’Valletta Road, Qormi bl-intenzjoni li jibqa’ miexi ghad-dritt. Quddiemu kien hemm vann u quddiem dan il-vann kien hemm scammel li kien misjuq mill-konvenut. L-iscammel waqaf fin-naha tal-lemin tat-triq u l-vann li kien hemm quddiem l-attur ghadda minn bejn l-iscammel u l-vettura li kienet ipparkjata lejn ix-xellug, cjoe’ l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BBR 222 u hawnhekk it-Tribunal qieghed jaghmel referenza ghad-Dokument SC esebit a fol 19 tal-process.

Frendo jkompli jghid illi wara li ghadda l-vann huwa daqq il-horn u mbaghad beda jsuq bejn l-iscammel u l-imsemmi vann, izda f’daqqa wahda hass id-daqqa u waqaf u hemm induna li kellu hsara qisu min-nofs il-karozza lura fuq in-naha tal-lemin. Il-mara tieghu, Lilian Frendo kkonfermat il-verzjoni kif moghtija minn zewgha.
Warden 31 Cassar ikkonferma illi l-print out u l-printed sketch prodotti mill-Guards and Warden Services Limited m’humiex korretti u ma jaqbilx ma’ dak li kiteb u ma’ l-isketch tieghu u pprezenta sketch to scale li huwa dak fuq referit u li jinsab esebit a fol 19 tal-process u inoltre anki esebixxa l-handwritten notes tieghu bil-firem tal-partijiet,

kemm fuq il-verzjoni ta' kif sehh l-incident u kif ukoll fuq ir-rough sketch li ghamel dak il-hin stess.

Il-konvenut xehed illi dakinhar ta' l-incident huwa kien f'Valletta Road, Qormi u ried jikser lejn ix-xellug biex jitla' ghal Triq il-Kaccaturi, izda kien hemm karozza li kienet double parked vicin snack bar u ghalhekk ma setax jghaddi. Huwa jghid li waqqaf it-trakk, tefa l-magna, xeghel l-indicator biex jaghti ndikazzjoni li kien bihsiebu jdur lejn ix-xellug u mar ifittex ta' min kienet il-vettura. Dahal fl-isnack bar izda ma setax isib ta' min kienet, imbaghad dar xi postijiet industrijali fl-inhawi u sab il-mara ta' min kienet il-vettura. Imbaghad huwa u jirritorna lejn l-iscammel tieghu huwa jghid illi nduna li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAM 552 kienet habtet mieghu. Huwa dak il-hin tkellem ma' wiehed mill-persuni li kien qed jghabbi l-ghamara fuq it-trakk BBR 222, cjoe' Mario Borg.

Il-konvenut isostni illi dak il-hin ta' l-incident huwa ma kienx gewwa t-trakk izda kien qieghed barra t-triq.

Mario Borg xehed ukoll illi dakinhar ta' l-incident huwa ra l-incident isir u nduna li l-vettura ta' Frendo kienet habtet ma' l-iscammel in kwistjoni u kkonferma li l-konvenut ma kienx fl-iscammel dak il-hin ta' l-incident.

Il-vetturi baqghu kif kienu sakemm gie l-Warden, izda wara li sar l-isketch Mario Borg telaq qabel ma gew imressqa l-vetturi lura nvoluti fil-kollizjoni.

Jigi rilevat ukoll illi sakemm gie l-Warden, il-vettura li kienet double parked, cjoe' l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAC 965 kienet lahqet telqet, izda z-zewg partijiet kienu qablu dwar il-pozizzjoni approssimattiva ta' din il-vettura.

Tajjeb li jigi ripetut dak li gie mnizzel fil-handwritten notes tal-Warden dwar x'qalu z-zewg sewwieqa:

<u>Francesco Frendo</u>: "Kien hemm trakk qed inizzel l-ghamara u fil-fatt l-iscammel kien qieghed wieqaf.

Daqqejt il-horn biex nghaddi u qisu ghamilli sinjal biex nghaddi u kif ghaddejt bejnu u bejn it-trakk saq fuqi.”

Emanuel Mallia: “Jien kont wieqaf biex nitla’ Triq il-Kaccaturi. Pero’ kien hemm vettura JAC 965 u trakk fil-kantuniera u ma stajtx indur u fil-pront qala’ dak minn tahti u hakk mal-bumper ta’ quddiem. Jien ghandi x-xhieda u telqu minn fuq il-post.”

Jigi rilevat illi f’din il-kawza hemm kuntrast qawwi bejn iz-zewg verzjonijiet moghtija mill-partijiet quddiem it-Tribunal u ghalhekk tajjeb f’dan ir-rigward li ssir referenza bejn dak li xehdu l-partijiet f’dawn il-proceduri u dak li qalu l-partijiet a tempo vergine lill-Warden.

Fir-rigward tal-verzjoni moghtija minn Frendo, l-verzjoni li ta f’din il-kawza u lill-Warden huma kwazi l-istess, hlief ghall-fatt illi lill-Warden qallu illi kien hemm id-driver, cjoe’ l-konvenut li ghamillu sinjal biex jghaddi izda fix-xhieda tieghu quddiem dawn il-proceduri, Frendo cahad li kien hemm xi hadd jaghmillu s-sinjali biex jghaddi.

Inoltre, fir-rigward tal-konvenut, fil-verzjoni li ta lill-Warden imkien ma semma’ li fil-mument li sehh l-incident ma kienx gewwa t-trakk u li kien qieghed barra fit-triq qed ifittex ta’ min kienet il-vettura JAC 965. Anzi minn qari akkurat ta’ kif inhu mnizzel fl-istatement tieghu, wiehed jiehu x’jifhem illi fil-fatt il-kollizjoni sehhet vicin hafna wara li huwa waqaf, tant illi huwa qal:

“u fil-pront qala’ dak minn tahti …………”

Illi f’kawzi simili, l-piz tal-prova tispetta lill-attur u fin-nuqqas ta’ prova sodisfacenti fuq bilanc ta’ probabbiltajiet, it-Tribunal ma jkollux alternattiva hlief li jiddeciedi l-kawza kontra l-atturi fuq bazi ta’ insufficjenza ta’ provi.

Izda f’dan ir-rigward it-Tribunal huwa nklinat li jemmen il-verzjonijiet moghtija mill-atturi bhala aktar verosimili u dan billi fl-ewwel lok, il-verzjonijiet taghhom jikkombacjaw u jaqblu mad-dinamika ta’ l-incident, il-hsara fil-vettura ta’ Frendo hija min-nofs il-karozza lura u, kif qal il-Warden,

din kien fiha daqqa u barxa ghat-tul u mhux semplicement barxa li jfisser allura li bilfors din il-vettura hadet daqqa u mhux semplicement hakket ma’ l-iscammel tal-konvenut.

Inoltre, Mario Borg li suppost huwa xhud estraneu lanqas seta’ jiftakar ezatt meta sehh l-incident tant illi afferma ripetutament li l-incident sar ftit xhur ilu w anzi, nnega li seta’ gara sena u nofs qabel m’huwa xehed, kif fil-fatt kien il-kaz. Inoltre, l-konvenut imkien fir-rapport tal-Warden m’indika li huwa ma kienx gewwa l-vettura meta sehh l-incident. Kieku verament sehh l-incident meta l-konvenut lanqas biss kien fl-iscammel u li l-iscammel kien mitfi wiehed kien jistenna li l-konvenut jghid proprju dan lill-Warden. Izda dwar dan ma qal assolutament xejn a tempo vergine.

Del resto lanqas biss ma ssemma’ l-isem ta’ dan ix-xhud fil-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut meta ressaq ir-Risposta tieghu ghall-kawza u ghalhekk, kollox ma’ kollox, it-Tribunal jemmen illi l-verzjoni ta’ kif sehh l-incident huwa kif spjegawh il-konjugi Frendo u cjoe’, huma u ghaddejjin bejn l-iscammel tal-konvenut u t-trakk ipparkjat, dan l-iscammel iccaqlaq u b’hekk sehhet il-kollizjoni.

It-Tribunal ma jeskludix il-possibbilta’ li ftit qabel l-incident il-konvenut hareg mit-trakk biex verament ifittex il-persuna li kienet fil-proprjeta’ tal-vettura li kienet double parked izda daqstant iehor, it-Tribunal jemmen ukoll illi fil-mument li sehhet il-kollizjoni, din il-kollizjoni sehhet proprju ghaliex l-iscammel kien iccaqlaq u laqat il-vettura ta’ l-attur li kienet ghaddejja minn magenbu dak il-hin.

Huwa evidenti ghalhekk li fil-mument li l-konvenut caqlaq l-iscammel tieghu, huwa ma qaghadx attent bizzejjed biex jaccerta ruhu li jista’ jaghmel tali manuvra minghajr ebda xkiel ghat-traffiku iehor li kien hemm ghaddej mit-triq, liema traffiku kien ghaddej fin-naha t-tajba tal-karreggjata u ghalhekk kellu kull dritt li jghaddi. Kien l-obbligu tal-konvenut li jaccerta li jista’ jespleta l-manuvra minnu ntentata minghajr ebda xkiel jew ostakolu ghat-traffiku iehor u li jzomm a proper lookout - agir li ma jirrizultax li attwalment sar.

Illi ghar-rigward tad-danni, dawn jinsabu sodisfacentement ippruvati, kemm mix-xhieda kif ukoll mid-dokumenti esebiti a fol 41 sa 43 tal-process.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta’ tlett mija w erbgha u sittin lira Maltin (Lm364) bl-interessi u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------